



Avukat Ġenerali Hogan: Stat terz għandu dritt iressaq kawża għall-annullament ta' miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill kontra dak l-Istat

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn qieset li l-azzjoni kienet inammissibbli għaliex ir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela ma kellhiex locus standi

Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela. Fis-6 ta' Frar 2018, ir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela ressqet azzjoni għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali kontra r-Regolament, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkonċernawha. Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Settembru 2019¹, il-Qorti Ġenerali qieset li r-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela ma kinitx uriet li kienet direttament ikkonċernata bil-miżuri fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Kien isegwi, għaldaqstant, li r-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela ma kellhiex il-*locus standi* neċessarju sabiex issostni l-azzjoni ta' annullament tagħha u l-proċedura tqieset mill-Qorti Ġenerali inammissibbli fuq din il-bażi. Il-kawża preżenti tikkonċerna appell imressaq fit-28 ta' Novembru 2019 mir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela (l-appellanti) mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fil-konklużjonijiet ta' illum, l-Avukat Ġenerali Gerard Hogan qed jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li **l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn qieset li din il-proċedura kienet inammissibbli għaliex l-appellanti ma kellhiex locus standi għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE**. Huwa jżid ukoll li din il-proċedura għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali sabiex taqta' kull kwistjoni ta' ammissibbiltà li baqgħet fil-proċedura ta' annullament imressqa mir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela, u fuq il-mertu tal-azzjoni mressqa minnha.

Il-Qorti Ġenerali, permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2020, iddeċidiet li titlob lill-appellanti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jadottaw pożizzjoni bil-miktub fuq jekk Stat terz għandux jitqies li huwa persuna ġuridika fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Intbagħtu osservazzjonijiet bil-miktub mill-appellanti, mill-Kunsill, mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika Ellenika, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Renju tal-Pajjiżi I-Baxxi, mir-Repubblika tal-Polonja, mir-Repubblika tas-Slovenja, mir-Repubblika Slovakkja, mir-Renju tal-Isvezja u mill-Kummissjoni.

Qabel ma jeżamina l-kwistjoni tal-inċidenza diretta, l-Avukat Ġenerali Hogan jibda billi jeżamina l-kwistjoni ta' jekk l-appellanti hijiex persuna ġuridika għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

L-Avukat Ġenerali Hogan jinnota li huwa ċar li l-kwistjoni tal-*locus standi* tal-appellanti tqajjem mhux biss il-mistoqsija ġenerali ta' jekk il-kunċett ta' "persuna ġuridika" taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jinkludix Stati terzi, imma wkoll il-kwistjoni iktar speċifika ta' jekk il-Qorti Ġenerali għandhiex ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni dwar azzjoni għall-annullament ta' miżuri restrittivi mressqa minn Stat terz. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Hogan jirreferi għal ġurisprudenza stabbilita ² u jikkonstata li l-qradi tal-UE għandhom ġurisdizzjoni sabiex jagħtu deċiżjoni dwar il-validità ta' miżuri

¹ Sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Ir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela vs Il-Kunsill (Kawża [T-65/18](#)).

² Sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (Kawża [C-72/15](#)), ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru [34/17](#).

restrittivi adottati taħt l-Artikolu 215 TFUE sakemm ir-rikorrent jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE.

Fuq jekk l-appellanti hijiex persuna ġuridika

Wara li eżamina l-preċedenti ta' dritt internazzjonali dwar il-kwistjoni, l-Avukat Ġenerali jinnota li l-prassi statali stabbilita hija li l-prinċipji tradizzjonali ta' kortesija mogħtija lill-Istati sovrani kollha jipprevedu, ħlief fil-każ ta' ostilitajiet attwali, li dawn l-Istati għandhom il-permess li jħarrku fil-qrati ta' sovrani ieħor. Huwa jikkonstata li huwa xieraq li l-ġudikatura tal-Unjoni ssegwi l-prassi stabbilita tad-dritt internazzjonali u l-prinċipju assoċjat ta' kortesija ġudizzjarja li għandu jiġi segwit ukoll mill-qrati individwali tal-Istati Membri fil-każ li huma stess ikunu adottaw miżuri restrittivi ta' dan it-tip. Din il-prassi u dan il-prinċipju għalhekk jeħtieġu li l-Qrati tal-Unjoni jkunu miftuħa għal kontestazzjonijiet imressqa minn Stati sovrani oħra fil-kapaċitajiet tagħhom bħala persuni ġuridiċi.

L-Avukat Ġenerali mbagħad jeżamina l-preċedenti eżistenti quddiem il-Qrati tal-UE u jsib li filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma tat deċiżjoni fuq dan il-punt, il-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja jidhru madankollu li kollha jindikaw li l-appellanti hija persuna ġuridika għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Huwa jżid li kif il-Qorti Ġenerali ddikjarat fid-digriet tagħha tal-10 ta' Settembru 2020, Il-Kambodja u CRF vs Il-Kummissjoni ³, id-dispożizzjonijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandhom jingħataw interpretazzjoni utli u li wieħed jeskludi Stati terzi mill-protezzjoni ġudizzjarja mogħtija taħt dan l-artikolu jmur kontra l-għan tiegħu. Barra minn hekk, l-osservanza tal-Istat ta' dritt u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jxeqilbu lejn deċiżjoni li tmur favur li l-appellanti hija "persuna ġuridika" għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Huwa wara jkkonkludi li li tagħti aċċess lil Stat terz fil-Qrati tal-UE taħt dawn il-kundizzjonijiet, iktar milli tqiegħed lill-UE fi żvantaġġ internament jew esternament, tiżgura fuq kollox li l-Istat tad-dritt jiġi osservat.

L-Avukat Ġenerali Hogan għaldaqstant iqis li l-appellanti għandha titqies li hija persuna ġuridika skont l-Artikolu 263 TFUE, minkejja l-istatus tagħha ta' Stat terz.

Fuq il-kwistjoni ta' inċidenza diretta

L-Avukat Ġenerali Hogan jinnota li r-rekwiżit li bih persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata bid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tal-azzjoni, kif previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jeżiġi li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji, jiġifieri li, fl-ewwel lok, il-miżura kkontestata toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-persuna individwali u, fit-tieni lok, li ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatari tagħha li jkollhom jimplimentawha, peress li din l-implimentazzjoni hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mir-regoli tal-Unjoni mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedji.

F'dan ir-rigward, huwa jikkonstata li huwa ċar mis-sentenza appellata li l-Qorti Ġenerali eżaminat biss l-ewwel wieħed miż-żewġ kriterji kumulattivi u kkonstatat, effettivament, li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma affettwawx direttament is-sitwazzjoni legali tal-appellanti. Huwa jinnota li skont il-Qorti Ġenerali, id-dispożizzjonijiet ikkontestati l-iktar l-iktar ser jaffettwaw indirettament lill-appellanti għaliex il-projbizzjonijiet imposti fuq persuni fiżiċi ċittadini ta' Stat Membru u fuq persuni ġuridiċi kkonstitwiti tal-liġi ta' wieħed minnhom ikollhom l-effett li jillimitaw is-sorsi li minnhom l-appellanti tkun tista' tikseb l-oġġetti u s-servizzi suġġetti għal dawn il-projbizzjonijiet. L-Avukat Ġenerali Hogan josserva li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali sempliċement tmur kontra r-realtà tal-miżuri restrittivi inkwistjoni. Dawk il-miżuri kien speċifikament immirati lejn, u kienu intiżi li jaffettwaw ir-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela.

L-Avukat Ġenerali jispjega din l-aħħar asserzjoni fuq il-bażi, fl-ewwel lok, li l-projbizzjonijiet li jinsabu fid-dispożizzjonijiet ikkontestati speċifikament jidentifikaw u jimmiraw lill-appellanti u varji emanazzjonijiet ta' dak l-Istat u t-tieni lok, li l-fatt li dawk il-projbizzjonijiet huma limitati għat-territorju tal-Unjoni u li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jimponux projbizzjonijiet fuq l-appellanti

³ Digriet tal-10 ta' Settembru 2020, Il-Kambodja u CRF vs Il-Kummissjoni ([T-246/19](#))

per se ma jfissirx li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jaffettwawx direttament is-sitwazzjoni legali tal-appellanti.

L-Avukat Ġenerali Hogan iżid li l-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi tenniet li, minħabba l-effett negattiv sinjifikattiv fuq il-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-persuna jew tal-entità kkonċernata, kull inklużjoni f'lista ta' persuni jew entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, kemm jekk ibbażata fuq l-Artikolu 215 TFUE jew fuq l-Artikolu 291(2) TFUE, tagħti lil dik il-persuna jew entità aċċess lil-Qrati tal-Unjoni Ewropea, għaliex hija simili, f'dak ir-rigward, għal deċiżjoni individwali, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

L-Avukat Ġenerali Hogan jikkonstata li s-sentenza *Almaz-Antey*⁴ iċċitata mill-appellanti għandha tiġi applikata b'analoġija għal dan il-każ. Fil-fehma tiegħu, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jżommu lill-appellanti milli jixtru ċerti oġġetti u servizzi speċifiċi minn ċerti operatori speċifiċi tal-UE u b'dan il-mod jaffettwaw direttament id-drittijiet u interessi legali tal-appellanti.

Fl-aħħar nett, l-Avukat Ġenerali Hogan jirrimarka li l-approċċ għall-inċidenza diretta proposta f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-appellanti ma toħloq ebda regola ġdida jew "rimedju ġudizzjarju" ġdid li jagħti awtomatikament *locus standi* lil Stati terzi għal azzjonijiet għal annullament taħt l-Artikolu 263 TFUE fir-rigward ta' miżuri restrittivi. Pjuttost, dak li qed jiġi propost huwa li l-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-ġurisprudenza eżistenti tagħha u sempliċement tadattaha għal din l-azzjoni l-ġdida. Barra minn hekk, ir-regoli fuq il-*locus standi* stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE, u b'mod partikolari fir-raba' paragrafu tiegħu, huma bbażati fuq il-kriterji oġġettivi li tniżżlu f'dak it-Trattat u li ġew interpretati mill-Qrati tal-UE, iktar milli fuq l-eżistenza jew assenza ta' xi ftehim reċiproku fuq il-*locus standi* bejn l-UE u Stati terzi.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

⁴ Sentenza of 13 September 2018, *Almaz-Antey Air and Space Defence v Kunsill* ([T-515/15](#))